PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2013/0344(COD)**

28.11.2013

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali (COM(2013)0722 – C7-0374/2013 – 2013/0344(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Peter Liese



Magħquda fid-diversità

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........21

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali**
**(COM(2013)0722 – C7-0374/2013 – 2013/0344(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0722),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0374/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' …[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0000/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2 Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C.../Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali
[2] ĠU C.../Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Konsegwentament, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfatti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi. | (2) Konsegwentament***, sabiex jinżamm l-impetu li ntlaħaq fl-Assemblea ICAO tal-2013 u tiġi ffaċilitata l-Assemblea ICAO 2016 li jmiss***, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfatti ***għall-perjodu sal-2016***, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi. |
| [4]Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) | [4]Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) Biex tinbena l-fiduċja f'livell internazzjonali fl-iskema tal-EU ETS, id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti jew kwalunkwe ammont ekwivalenti, fejn dan ikun meħtieġ minħabba prinċipji baġitarji prijoritarji tal-Istati Membri, bħall-għaqda u l-universalità, għandu jintuża għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u adattament u biex tiġi koperta n-nefqa tal-amministrazzjoni tal-EU ETS. Id-dħul iġġenerat mill-irkantar għandu jintuża wkoll għat-trasport b'emissjonijiet baxxi. Id-dħul mill-irkantar għandu jintuża b'mod partikolari sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet lill-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli u l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC, u għal miżuri biex tiġi evitata d-diforestazzjoni u jkun faċilitat l-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bħala parti minn ftehim għal miżura bbażata fuq is-suq (MBM) effikaċi u bbażata fuq ir-rotta b'potenzjal sinifikanti li tnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni fuq il-klima, l-Unjoni għandha wkoll tikkommetti ruħha li tassenja d-dħul li jsir minn din il-miżura lill-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC sabiex tirrifletti l-prinċipju ta' responsabbiltà komuni iżda differenzjata u ta' kapaċitajiet rispettivi, u lil sforzi internazzjonali li jiffinanzjaw ir-riċerka u l-iżvilupp biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li ġejjin mill-avjazzjoni.*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*During the negotiations on the current directive, the European Parliament insisted on a clearly binding earmarking. At the time, member states were not ready to accept this and only a recommendation is included in the directive. It would facilitate the acceptance of the EU scheme if member states accepted a much clearer commitment. Common research projects on technology still reducing emissions in aviation could be created with third countries. A contribution of EU member states to adaptation and mitigation including the green climate fund under UNFCCC would be very helpful to facilitate the support of developing countries. This principle must also be introduced into the international negotiations.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal ***7 snin*** sakemm ***tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip***, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu ***sal-2020***. | (3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal ***tliet snin*** sakemm ***ikun hemm ftehim dwar MBM globali ratifikabbli li tapplika għall-maġġoranza tal-emissjonijiet avjatiċi internazzjonali, matul id-39 Assemblea ICAO fl-2016,*** il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu ***sal-2016***. |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tissottolinja l-fatt li mhux kwalunkwe tip ta' MBM se jkun aċċettabbli iżda waħda li hija legalment vinkolanti u li tkopri l-maġġoranza tal-emissjonijiet.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Id-derogi previsti f'din id-Direttiva jqisu r-riżultati tal-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, li l-Kummissjoni se tkompli twettaq f'isem l-Unjoni. | (4) Id-derogi previsti f'din id-Direttiva jqisu r-riżultati tal-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, li l-Kummissjoni se tkompli twettaq f'isem l-Unjoni. ***Dawk id-derogi huma relatati biss mal-emissjonijet minn attivitajiet tal-avjazzjoni sal-2016 u previsti mill-Ujoni sabiex jiġi faċilitat ftehim dwar l-adozzjoni ta' MBM globali ratifikabbli matul id-39 Assemblea ICAO. Azzjoni leġiżlattiva ulterjuri għandha tkun xierqa biss jekk tali miżuri ikunu ġew adottati fl-2016. Għal dan il-fini, wara l-Assemblea ICOA tal-2016, il-Kummissjoi għandha tressaq rapport sħiħ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tipproponi fil-pront miżuri f'konformitá mar-riżultati, kif ikun xieraq.*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 ***'il quddiem*** sabiex l-operaturi jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom. | (9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 ***sal-2016*** sabiex l-operaturi jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom. |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnellati-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jiġi eżentat għall-perjodu 2014 ***sal-2020***. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, għandhom ikunu | (10) Mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnellati-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jiġi eżentat għall-perjodu 2014 ***sal-2016***. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, għandhom ikunu |

| | |
|---|---|
| dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri. | dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri. |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. L-effettivitá ambjentali tal-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-ETS tnaqqset minħabba tnaqqis fl-ambitu ġeografiku. Għal dan il-fini, u f'konformitá mal-politika ta' tnaqqis għas-setturi kollha l-oħra, mill-2015 'il quddiem, ir-rata tal-irkantar għandha tkun 40 %, l-istess rata ta' għal irkantar f'setturi oħra. Fattur ta' tnaqqis lineari għandu jiġi applikat bi qbil ma' setturi oħra.*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-ambitu limitat, l-effett ambjentali tal-ETS jitnaqqas drastikament, u li jiżdied l-ammont tal-irkantar u li jitnaqqas il-limitu jistgħu ipattu parzjalment għal dan.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' deroga.*** | ***imħassar*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta ma' EM fuq Premessa 4*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u ***l-2020*** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6; | (b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u ***l-2016*** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6; |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi*

*jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a–paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja ***sal-2020*** fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata, | (c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja ***sal-2016*** fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata, |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward ***tal-attività*** bejn l-2013 u ***l-2020***, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull | Fir-rigward ***tal-attivitajiet*** bejn l-2013 u ***l-2016***, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull |

| | |
|---|---|
| operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: *jekk jogħġbok daħħal id-data 4 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].* | operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni:<br><br>______________<br><br>*[ĠU: ekk jogħġbok daħħal id-data 4 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].* |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-riżerva speċjali stipulata fl-Artikolu 3f għandha titnaqqas biex tibqa' fissa għal rata ta' 3 %. Kwlunkwe fdal se jiġi kanċellat*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riżerva speċjali għandha tibqa' stabbli għal 3 % tan-numru ta' għotjiet fiċ-ċirkolazzjoni, minħabba li l-ambitu tad-Direttiva se jitnaqqas. Sabiex il-benefiċċju ambjentali jinġieb aktar fil-qrib tas-sistema oriġinali tal-ETS, l-għotjiet kollha lill-entrati ġodda li jkun għad fadal fir-Riżerva Speċjali wara d-distribuzzjoni għandhom jiġu kkanċellati, aktar milli rkantati mill-Istati Membri u jirriżultaw f'emissjonijiet akbar.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
L-Artikolu 28a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b'tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ***tal-Artikolu 28(a) sa (c)***. | B'deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 ***sal-2016***, għandu jiġi mnaqqas b'tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ***tal-punti (a) sa (c) ta' paragrafu 1***. |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
L-Artikolu 28a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li trid tiġi applikata mill-2020, u tressaq proposti kif xieraq***. | 7. Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ***ir-riżultati miksuba***. ***Fil-każ li jintlaħaq ftehim dwar MBM globali ratifikabbli, dak ir-rapport għandu jinkludi proposti, kif xieraq, bħala reazzjoni għal dawk l-iżviluppi.*** |

| | |
|---|---|
| F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika ***mill-2020***, dak ir-rapport għandu jqis il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE mill-2020 'il quddiem fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta." | F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika mill-2020, dak ir-rapport għandu jqis il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE ***mill-2016*** 'il quddiem fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta." |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
L-Artikolu 3c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Artikolu 3c, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:***<br><br>***"2. Għal perjodu ta' sentejn, mill-1 ta' Jannar 2013, il-kwantità totali tal-kwoti ta' l-avjazzjoni li jiġu allokati għandha tkun ekwivalenti għal 95% ta' l-emissjonijiet storiċi minn avjazzjoni mmuliplikati bin-numru ta' snin f'dak il-perjodu.***<br><br>***Mill-1 ta' jannar 2015 'il quddiem, dawk l-għotjiet għandhom jitnaqqsu b'fattur*** |

| | |
|---|---|
| | ***linerari ta' 1,74% għal kull sena kalendarja. Dan il-persentaġġ jista' jkun rivedut bħala parti mir-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li industriji oħra koperti mill-ETS jeħtieġu li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'21% sal-2020, it-tnaqqis fis-settur tal-avjazzjoni huwa biss ta' 5%. Dan imur kontra l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew matul in-negożjati fl-2008. Il-Parlament dejjem talab għal trattament ugwali fost l-industriji kollha. L-effettivitá ambjentali tal-ETS tal-avjazzjoni tnaqqset b'mod sinifikanti minħabba l-ambitu limitat. Sabiex tintlaħaq integritá ambjentali aħjar tal-ETS il-fattur lineari ta' 1.74% jiġi applikat għal kull sena sabiex ikun hemm trattatment ugwali fis-setturi kollha ETS.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
L-Artikolu 3d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***"2. Għal perjodu ta' sentejn, mill-1 ta' Jannar 2013, 15% tal-għotjiet għanhom jiġu rkantati. Mill-1 ta' Jannar 2015, 40 % tal-kwoti għandhom ikunu rkantati. Dan il-persentaġġ jista' jiġi miżjud, bħala parti mill-reviżjoni ġenerali ta' din id-Direttiva.*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-medja tal-irkant f'setturi oħra hija 40% (100% bħala regola u punt ta' referenza għas-settur ta' riliaxx tal-karbonju) l-ammont ta' rkant fis-settur tal-avjazzjoni huwa biss 15%. Dan ġie soġġett għal kritika għal żmien twil. Minħabba li t-titjiriet kollha fl-ispazju tal-ajru Ewropew huma soġġetti għall-ETS tal-avjazzjoni ma jisgħux jitqiesu bħala settur klassiku ta' rilaxx tal-karbonju. Bl-ambitu limitat, l-effett ambjentali tal-ETS jitnaqqas*

*drastikament, u li jiżdied l-ammont tal-irkantar u li jitnaqqas il-limitu jistgħu ipattu parzjalment għal dan.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
L-Artikolu 3d – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Artikolu 3d, il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:*** |
| | ***"4. "L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti għal sforzi biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fil-livell internazzjonali, biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, fosthom b'mod partikolari fil-qasam tal-aeronawtika u t-trasport bl-ajru. Id-dħul iġġenerat mill-irkantar għandu jintuża wkoll għat-trasport b'emissjonijiet baxxi. Id-dħul mill-irkantar għandu jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet lill-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli u l-Fond Ekoloġiku għall-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC u miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw regolarment lill-Kummissjoni dwar azzjonijiet meħuda skont l-ewwel subparagrafu."*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*During the negotiations on the current directive, the European Parliament insisted on a*

*clearly binding earmarking. At the time, member states were not ready to accept this and only a recommendation is included in the directive. It would facilitate the acceptance of the EU scheme if member states accepted a much clearer commitment. Common research projects on technology still reducing emissions in aviation could be created with third countries. A contribution of EU member states to adaptation and mitigation including the green climate fund under UNFCCC would be very helpful to facilitate the support of developing countries. This principle must also be introduced into the international negotiations.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Anness**
Direttiva 2003/87/KE
Anness II c – ringiela 37 tat-tabella

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| IĊ-ĊINA inklużi ĦONG KONG, il-MAKAW ***u t-TAJWAN*** | IĊ-ĊINA inklużi ĦONG KONG, **u l-MAKAW** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Tajwan għandha tiddaħħal bħala destinazzjoni separata u mhux parti minn dik lejn iċ-Ċina.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Anness**
Direttiva 2003/87/KE
Anness IIc – ringiela 147a tat-tabella (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***TW- IT-TAJWAN*** |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Tajwan għandha tiddaħħal bħala destinazzjoni separata u mhux parti minn dik lejn iċ-Ċina.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Anness**
Direttiva 2003/87/KE
Anness IIc– paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-perjodu bejn l-2014 u ***l-2020***, u mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, il-perċentwal applikabbli għal titjiriet bejn pajjiżi Membri taż-ŻEE u pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnellati-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jkun żero. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.] | Għall-perjodu bejn l-2014 u ***l-2016***, u mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, il-perċentwal applikabbli għal titjiriet bejn pajjiżi Membri taż-ŻEE u pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnellati-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jkun żero. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.] |

Jew. mt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deroga attwali għandu japplika biss sal-2016 u l-Assemblea ICAO li jmiss. Wara l-Konklużjonijiet tal-ICAO tal-2016 u r-riżultati miksuba, l-Unjoni tista' tikkunsidra liema passi jeħtieġ li jittieħdu biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati internazzjonali. Bid-deroga attwali li jiskadi fl-aħħar tal-2016, l-leġiżlaturi se jkollhom ħin biżżejjed biex jikkonkludu kwalunkwe proċedura oħra kodeċiżjonali li tista' tinħtieġ minħabba li d-dati ta' konsenja għall-emissjonijiet 2017 taħbat f'April tal-2018.*

## NOTA SPJEGATTIVA

**Għalfejn jeħtieġ li jiġu limitati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni?**

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni qegħdin jikbru b'mod rapidu F'xenarju fejn ma tittieħed ebda azzjoni l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili tipprevedi li se akkumulaw għal 1900 Mt sal-2040Sors: ICAO

Stimi oħra jbassru 3500-4500 Mt sal-2050. 3.5 giga-tunnellata jirrappreżenta 20% tal-ammont li emissjonijiet globali għandhom jiġu limitati għalih skont l-IPCC fl-2050 biex it-tibdil fil-klima jitrażżan għal 2 gradi celsius.




Skont il-ħames IPCC (2013) jeħtieġ li l-emissjonijiet globali jitnaqqsu drastikament sal-2050 jekk irridu li jkun hemm probabbiltà ta' żewġ terzi li l-mira ta' żewġ gradi celsius tinżamm f'dik is-sena.

Sors: IPCC

Il-kompitu li jiġu rregolati l-emissjonijiet tal-ajru ngħata permezz tal-komunità internazzjonali għall-ICAO fl-1997 mal-Protokoll ta' Kyoto. Filwaqt li l-Protokoll ta' Kyoto jiddiżappunta fejn tidħol l-isfida tat-tibdil fil-klima, wieħed ma jistax jinjora li għalmenu l-Unjoni Ewropea onorat l-obbligu tagħha billi naqqset l-emissjonijiet. Mill-banda l-oħra, l-ebda azzjoni sinifikanti ma ġiet implimentata biex jitrażżnu l-emissjonijiet mill-avjazzjoni.

Jeħtieġ ukoll li l-industrija tal-avjazzjoni tipparteċipa fl-isforzi biex jitrażżan it-tibdil fil-klima minħabba prinċipji ta' lealtá għal mezzi oħra tat-trasport. Sfortunatament, l-avjazzjoni hija l-forma tat-trasport li tagħmel l-aktar ħsara lill-ambjent, u filwaqt mezzi oħra tat-trasport huma regolati ħafna u soġġetti għal ħafna taxxi u tariffi, l-avjazzjoni ma ġietx indirizzata fl-livell Ewropew:




**Il-leġiżlazzjoni mill-2008, il-kritika minn pajjiżi terzi u l-leġittimità ta' din il-kritika**

Il-leġiżlazzjoni li tinkludi l-avjazzjoni fl-ETS ġiet, wara aktar minn sentejn ta' dibattitu u involviment mill-partijiet interessati kollha, approvata b'mod unanimu mill-Kunsill u b'aktar minn 90% maġġoranza fil-Parlament Ewropew. Pedament tal-leġiżlazzjoni kien li t-titjiriet kollha li jtiru u jinżlu fl-Ewropa għandhom jiġu inklużi. Dan kien il-punt ta' kritika minn pajjiżi terzi. Madankollu, wara kawża fil-qorti mill-kumpaniji tal-ajru Amerikani, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija kompletament konformi mal-liġi internazzjonali. L-ispejjeż huma moderati ħafna, minkejja l-pretensjonijiet tal-pajjiżi terzi, li kultant jitkellmu dwar piż eċċessiv għall-industrija tagħhom. Skont l-aħħar ċifri, l-ispiża għal Ryanair kienet ta' EUR 0.03, għal Easyjet EUR 0.11 (filwaqt li kumpaniji tal-ajru oħra li għandhom flotta anqas effiċjenti jista' jkollhom spejjeż ftit aktar għoljin minn hekk). L-ispejjeż ta' taxxi u tariffi imposti mill-Istati Membri tal-UE jew pajjiżi terzi huma ħafna aktar għoljin.

| **Pajjiż** | **Id-dritt** | **spejjeż għal kull titjira** |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Luftverkehrssteuer | Sa 42,18 € jiddependi mid-destinazzjoni |
| UK | Sisa fuq il-Passiġġieri tal-Ajru APD | Sa aktar minn 184£6000 mili |
| Stati Uniti tal-Amerika | Taxxa Internazzjnali fuq it-Trasportazzjoni | 16,30$/għal kull passiġġier |
| EU | ETS | 0.03€ (Ryanair)<br>Sa 2€/għal kull titjira interkontinentali (stima mill-Kummissjoni) |
| Indja | Tariffa tat-Titjira + Tariffa ta' Servizz ta' 10,3 % (fuq taxxa għall-Iżvilupp tal-Ajruport f'Delhi) | **7,40€ ,$ 10**<br>**+19 €, $ 25 ( f'Delhi biss)** |
| Awstrija | Flugabgabegesetz | Sa 35€ jiddependi mid-distanza |

Argument importanti li tressaq mill-pajjiżi terzi kien li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea hija illegali minħabba l-extraterritorjalità. Dan l-argument, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex validu peress li huma biss it-titjiriet li jitilqu u jinżlu fl-Ewropa li huma koperti. Madankollu, l-obbligu li ċċedi kwoti naturalment huwa aktar għoli jekk it-titjira hija jtwal. Iżda dan mhuwiex karatteristika unika tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, taxxi u tariffi nazzjonali japplikaw l-istess prinċipju, pereżempju t-tariffa Brittanika hija ferm ogħla milli għal titjira lejn il-Messiku milli titjira lejn il-Kanada, anki jekk id-distanza bejn il-Kanada u l-Messiku tirrappreżenta prinċipalment territorju tal-Istati Uniti. Ara l-mappa li ġejja:




Fuq titjira lejn Toronto, il-Kanada hemm tariffa APD ta' £130 (156 €).




Titjira fi klassi business minn Londra sal-Belta ta' Messiku (madwar 5000 mili) se tiġi ċċarġjata APD ta' £ 162 (195 €).

**Il-proċess ICAO u l-leġilażżjoni**

**Stop the Clock**

Anki jekk il-kritika mhijiex leġittima, l-Unjoni Ewropea rreaġixxiet għall-argumenti tal-pajjiżi terzi. Intqal li l-leġiżlazzjoni Ewropea tfasslet f'sura ta' ftehim internazzjonali. Dan qatt ma kien veru, iżda bħala ġest ta' rieda tajba, il-Kummissjoni pproponiet li tillimita l-iskema għal titjiriet intra-Ewropej għal sena biex tkun tista' tinstab ftehim aħjar fl-Assemblea Ġenerali ICAO f'Settembru u Ottubru tal-2013.

Fil-leġiżlazzjoni, ġie ċċarat li:

*"Id-deroga prevista minn din id-deċiżjoni għandha x'taqsam biss ma' emissjonijiet tal-avjazzjoni fl-2012."*

*(10) (...) Din id-deroga hija pprovduta mill-Unjoni biex tiffaċilita ftehim fit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-ICAO dwar skeda ta' żmien realistika għall-iżvilupp ta' MBM globali lil hinn mit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-ICAO u dwar qafas għall-faċilitazzjoni tal-applikazzjoni komprensiva ta' MBMs nazzjonali u reġjonali għall-avjazzjoni internazzjonali, sakemm jiġi applikat l-MBM globali.*

L-Assemblea ICAO f'Settembru u Ottubru tal-2013 adottat riżoluzzjoni li kienet tinkludi impenn *"għall-iżvilupp ta' MBM globali għall-avjazzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqies il-ħidma li jrid isir skont il-paragrafu 19"*. Dan huwa pass importanti, iżda sfortunatament ir-riżoluzzjoni tinkludi wkoll ħafna kundizzjonijiet u prekondizzjonijiet. Għalhekk, mhuwiex biċ-ċert li matul l-Assemblea ICAO fl-2016 se jiġu adottati regoli ċari għall-MBM. Għandu jitqies li matul l-Assemblea ICAO fl-2001 diġà kien ġie approvat l-iskambju ta' emissjonijiet, iżda sfortunatament l-ebda progress reali ma sar minn dak iż-żmien:

| **Assemblea ICAO tal-2001:** | **Assembea ICAO tal-2013:** |
|---|---|
| c) Skambju tal-Emissjonijiet:<br>c) *Tapprova* l-iżvilupp ta' sistema miftuħa għall-iskambju tal-emissjonijiet fir-rigward tal-avjazzjoni internazzjonali | 18. Tiddeċiedi li tiżviluppa skema globali MBM fir-rigward tal-avjazzjoni internazzjonali, fejn jitqies ix-xogħol irid isir skont il-paragrafu 19 |

B'paragun mal-progress UNFCCC tassew differenti, wieħed irid ngħid li anke l-konferenza COP 19 fil-Varsavja pproduċiet riżultati aktar pożittivi u konkreti minn dawk tal-Assemblea ICAO. Kundizzjoni importanti ħafna biex l-Unjoni Ewropea tkompli temenda l-leġiżlazzjoni tagħha kienet li qafas għall-iskemi nazzjonali u reġjonali, pereżempju għall-iskema tal-UE, kellu jiġi adottat. Sfortunatament, dan ma sarx.
L-industrija tal-avjazzjoni, rappreżentata prinċipalment mill-IATA, sfortunatament, kienet ħadmet ħafna kontra l-Unjoni Ewropea fil-proċess ICAO, iżda mill-banda l-oħra, wieħed għandu jirrikonoxxi li l-IATA kkontribwixxiet għall-proċess globali. L-impenn tal-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet b'50% sal-2050 tissupera sew dak li hemm imniżżel fit-test ICAO.

**Konsegwenzi għall-UE wara l-Assemblea ICAO**

Ħafna mill-partijiet interessati, pereżempju l-assoċjazzjoni Ewropea tat-titjiet irħas EELFA, li tirrappreżenta kważi 50% tat-titjiriet intra-Ewropej, ħafna NGOs, u bosta membri tal-Parlament talbu li ma ssir ebda emenda fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan ikun ifisser li l-ETS bis-sħiħ, inklużi t-titjiriet interkontinentali li jitilqu u jinżlu fl-Ewropa, għad-distanza kollha li jtiru, għandha tiġi infurzata mill-1 Mejju tas-sena d-dieħla. Oħrajn (ħafna partijiet interessati jieħdu din il-pożizzjoni wara l-kwinti) huwa favur estensjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti Stop the Clock sal-2016 jew saħansitra sal-2020, u dan li kieku ifisser li t-titjiriet intra-Ewropej biss ikunu koperti għal bosta snin, anke jekk itiru minn fuq l-ispazju tal-ajru Ewropew. Il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-approċċ tal-ispazju tal-arju tirrappreżenta kompromess bejn dawn iż-żewġ estremi:




Sors: Kummissjoni

Dan ifisser li t-titjiriet kollha li jitilqu u/jew jinżlu fl-Ewropa jkunu koperti min-naħa tagħhom fi ħdan l-ispazju tal-ajru Ewropew. Pereżempju, titjira minn Pariġi jew Londra għall-ajruport ta' Istanbul (dan huwa importanti ħafna minħabba li Istanbul se jiftaħ l-akbar ajruport fid-dinja) se jkunu koperti sal-fruntiera tal-Greċja, li jfisser kważi 100%. Skont il-leġiżlazzjoni Stop the Clock, dawn mhumiex koperti. Titjira lejn ċentru fl-Emirati se tkun koperta għal kważi 50% tal-emissjonijiet tagħha skont l-approċċ tal-ispazju tal-ajru.

**Il-proposta tar-rapporteur**

Ir-rapporteur jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea fil-prinċipju. Filwaqt li jibqa' konvint li l-pressjoni mill-pajjiżi terzi mhijiex sostnuta, għandu jitqies li l-proċess internazzjonali jista' jbati minn ripurkussjonijiet jekk l-iskema tiġi implimentata bis-sħiħ. L-

approċċ tal-ispazju tal-ajru joffri ħafna vantaġġi għal-leġiżlazzjoni Stop the Clock:

1) Protezzjoni ambjentali u l-klima:
Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi madwar 40% tal-emissjonijiet meta imqabbla mar-regolament oriġinali, il-proposta Stop the Clock kopriet biss madwar 20%

2) Konsegwenzi għal negozjati internazzjonali:
Estensjoni sempliċi tal-leġiżlazzjoni Stop the Clock tista' titqies bħala ċessjoni mingħajr kundizzjonijiet min-naħa tal-Unjoni Ewropea. Jekk ikun hemm progress fl-livell internazzjonali, huwa prinċipalment permezz tal-pressjoni mill-Unjoni Ewropea. Ħafna proposti li ġew ikkunsidrati skont l-ICAO mhumiex se jwasslu fil-veritá għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-avjazzjoni, iżda huwa biss it-tkabbir tal-karbonju newtrali mill-2020 li qed jiġi kkunsidrat. L-istrateġija ewlenija tal-ICAO hija bbażata fuq kumpens (li prinċipalment ifisser CDM) u l-bijofjuwils. B'riflessjoni dwar id-diskussjoni kritika dwar dawn iż-żewġ strumenti fl-Unjoni Ewropea, huwa importanti li jkun hemm alternattiva. L-iskema tagħna fil-fatt tqanqal tnaqqis fl-emissjonijiet, anki jekk dan huwa biss ta' 5%.

3) Is-sitwazzjoni kompetittiva bejn l-ajruporti Ewropej u l-industrija tal-avjazzjoni:
Il-proposta Stop the Clock qegħda tintervjeni fis-sitwazzjoni kompetittiva tal-linji tal-ajru u l-ajruporti Ewropej. Ċentri kbar qrib mal-Unjoni Ewropea, jiġifieri fl-Istanbul, se jibbenefikaw jekk aħna jestenduha. Il-linji tal-ajru li fil-biċċa l-kbira tagħhom itiru fi ħdan il-fruntieri tal-Ewropa se jbatu minn żvantaġġ kompetittiv meta b'paragun ma' linji tal-ajru li jistgħu jibbenefikaw minn sussidju transkonfinali għal xi titjiriet fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

4) Is-sitwazzjoni legali
Abbażi tas-sentenza tal-QĠE u l-Konvenzjoni ta' Chicago huwa evidenti li approċċ tal-ispazju tal-ajru huwa kompletament konformi mal-liġi internazzjonali. Il-Kunsill tal-ICAO appoġġa b'mod unanimu approċċ tal-ispazju tal-ajru kmieni f'Settembru. Ir-riżoluzzjoni ICAO ma tinkludix approċċ tal-ispazju tal-ajru u mhijiex legalment vinkolanti fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni peress li l-UE u ħafna oħrjan ħarġu riżervi.

**Emendi propost mir-rapporteur**

Filwaqt ir-rapporteur jipproponi li jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni kemm jista' jkun, xi emendi jidhru raġonevoli.

1. **Is-sitwazzjoni legali wara l-2016:**
L-emenda tad-direttiva hija ġustifikata biss għaliex nistennew avvanz bi ftehim legalment vinkolanti fir-rigward tal-avjazzjoni globali fl-2016. Filwaqt li din hija alternattiva reali, mhijiex garantita. Għal din ir-raġuni huwa raġonevoli li l-approċċ tal-ispazju tal-ajru jiġi limitat sal-2016 u terġa' tiddaħħal l-ETS bis-sħiħ mill-2017. Jekk il-ftehim internazzjonali tabilħaqq jiġi adottat fl-ICAO fl-2016, wieħed jistenna li l-Unjoni Ewropea għandha tkun lesta li timmodifika l-leġiżlazzjoni kif ikun xieraq.

2. **Emendi biex tiżdied l-ambizzjoni u l-integrità ambjentali u biex jiġi ggarantit trattament ugwali ma' industriji oħra:**

Il-livell ta' rkant fl-ETS tal-avjazzjoni huwa biss 15% meta mqabbel mal-medja ta' 40% għall-bqija tal-industrija. Il-limitu huwa biss ta' 5%, meta mqabbel ma' 21% għall-industriji oħra. Dan minn dejjem kien soġġett għal kritika u l-Parlament Ewropew diġà kien talab fl-2007/2008, matul il-progress leġiżlattiv, għal trattament ugwali fost l-industriji kollha. L-Approċċ tal-ispazju tal-ajru jnaqqas l-emissjonijiet koperti mill-ETS għal 40% meta mqabbla mal-iskema oriġinali. Biex jiġi limitat il-ħsara għall-ambjent huwa ġġustifikat u meħtieġ li jiżdied l-irkant u jitnaqqsu l-emissjonijiet (limitu) minn tal-anqas għal-livell li l-industriji l-oħra diġá huma meħtieġa jikkonformaw miegħu sa mill-bidu tal-2013.

**L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE hija kruċjali għall-progress**

Kien ilu jiġbed l-attenzjoni tar-rapporteur li, għalkemm l-ETS tal-UE hija limitata għal titjiriet intra-Ewropej, xi Stati Membri bħalissa jidhru li qegħdin jaħsibuha darbtejn meta jkunu se jimplimentaw il-leġiżlazzjoni. Pajjiżi terzi bħaċ-Ċina u l-Indja rrifjutaw li jċedu kwoti għal titjiriet ġewwa l-Ewropa, pereżempju minn Frankfurt sa Londra. F'għajnejn ir-rapporteur jidher li huwa inaċċettabbli li wieħed jiddiskuti mal-Kunsill dwar kwalunkwe eżitu ta' proposta leġiżlattiva qabel ma jiġi ċċarat jekk il-leġiżlazzjoni tassew limitata Stop the Clock se tiġi implimentata jew le. Aħna ma nistgħux naċċettaw li pajjiżi terzi bħaċ-Ċina u l-Indja jirrifjutaw li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Ewropea meta jkunu qegħdin joperaw fl-Unjoni Ewropea.

**L-adozzjoni mhux aktar tard minn April hija kruċjali**

Dawk kollha li ma jixtiequx iżommu l-ETS tal-UE għall-avjazzjoni fil-forma oriġinali tagħha, li jfisser li t-titjiriet interkontinentali kollha huma koperti minn meta jitilqu sad-destinazzjoni finali tagħhom, għandhom ifittxu ftehim dwar direttiva emendata sa April, għaliex jekk dan ma jsirx fl-1 ta' Mejju, il-leġiżlazzjoni oriġinali teħtieġ li tiġi infurzata. Huwa proprju għal din ir-raġuni li sar ftehim dwar skeda ambizzjuża, flimkien ma' persuni responsabbli fil-Kumitat tat-Trasport. Ir-rapporteur huwa tal-fehma li għandu jintlaħaq ftehim dwar emenda u huwa lest li jitkellem mal-partijiet interessati kollha, iżda ma jirrakkomandax lill-Parlament Ewropew li jillimita kwalunkwe kompromess għal estensjoni tal-proposta Stop the Clock.